MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1976/1998/1

**Catherine Micallef gia Muscat**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-15 ta’ Settembru 1996 (*vide* Certifikat taz-Zwieg – Dok “A”);

Illi meta zzewget l-attrici kellha biss sittax-il (16) sena filwaqt illi l-konvenut kellu biss tmintax-il (18) sena;

Illi z-zwieg gie kuntrattat bhala rizultat dirett ta’ numru ta’ cirkostanzi u pressjonijiet, fosthom ghaliex l-attrici fil-mument li gie kuntrattat iz-zwieg kienet tqila, il-konvenut kien ghaddej minn proceduri kriminali ta’ entita` serja hafna u z-zwieg gie kuntrattat anke sabiex il-konvenut jikseb agevolment f’dak li jirrigwarda l-piena u l-attrici kellha ghaggla kbira sabiex titlaq mid-dar fejn is-sitwazzjoni familjari kienet wahda hazina hafna u l-genituri tal-attrici ridu jibghatuha fid-Dar ‘Merhba Bik’, xi haga li l-attrici certament li ma riditx peress illi fi tfulitha diga kienet ghamlet xi zmien infelici go istitut, u mhux ghax kien hemm ir-rieda ferma da parti tal-attrici u l-konvenut biex jinghaqdu fil-kuntratt u fis-sagrament taz-zwieg;

Illi l-konvenut heba bosta affarijiet mill-konoxxenza tal-attrici li kienu tal-ikbar importanza u rilevanza, fosthom illi kien qieghed jiehu d-drogi u li kien qieghed jghix hajja ta’ kriminalita` sistematika;

Illi ghaldaqstant il-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat;

Illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat ukoll b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-provi li se jigu prodotti;

Illi ghaldaqstant iz-zwieg ikkuntrattat mill-attrici mal-konvenut huwa null u bla ebda effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u/jew (c) u jew (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fil-15 ta' Settembru 1996 huwa null u bla ebda effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u/jew (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat a fol 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi stante illi l-attrici, mart il-konvenut, talbet l-annullament taz-zwieg li sar bejniethom, peress li gie kuntrattat bhala rizultat dirett ta' numru ta' cirkostanzi u pressjonjiiet, fosthom ghaliex l-attrici fil-mument li gie kuntrattat iz-zwieg kienet tqila u l-attrici kellha ghaggla kbira sabiex titlaq mid-dar fejn is-sitwazzjoni familjari kienet wahda hazina hafna u l-genituri tal-attrici li kellha biss sittax-il sena riedu jibghatuha fid-Dar Merhba Bik, xi haga li l-attrici certament li ma rieditx peress illi fi tfulitha diga kienet ghamlet xi zmien infelici hafna go istitut, u mhux ghax kien hemm ir-rieda ferma *da parti* mill-attrici u l-konvenut biex jinghaqdu fil-kuntratt u fis-Sagrament taz-zwieg, u l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taz-zwieg, u hafna minn dak li ddikjarat l-attrici fid-dikjarazzjoni taghha ghalkemm mhux kollox huwa kollu minnu, l-konvenut esponent jammetti t-talba tal-attrici inkwantu li kif ammess fic-citazzjoni

2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 12 u 13 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-attrici tas-17 ta’ Jannar 2000 fejn permezz tieghu ippresentat l-affidavit taghha stess (fol 16 sa 19 tal-process).

Rat il-verbali tal-20 ta’ Marzu 2000 fejn xehdu l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud u Lina Thake; tal-31 ta’ Mejju 2000 fejn xehdu Fr David Cilia, l-Ispettur Peter Paul Zammit u Catherine Muscat; tat-30 t’Ottubru 2000 fejn Dr Chris Cilia ghall-attrici ddikjara li ma kellux provi aktar; tal-20 ta’ Novembru 2000; tat-2 ta’ Frar 2001 fejn il-konvenut informa lill-Qorti li kien ipprezenta x-xhieda tieghu permezz tal-affidavit u dan bil-visto tal-kontro-parti u ddikjara li ma kellux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenut fejn gie prezentat l-affidavit tieghu stess (fol 55 sa 59 tal-process).

Rat il-verbal tad-9 ta’ Lulju 2001, tat-3 ta’ Dicembru 2001, tat-8 ta’ Jannar 2002, tad-19 ta’ Frar 2002 u tas-17 ta’ April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attrici qed isostni li z-zwieg taghha huwa null peress li (a) l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi ttiehed bi pressjoni socjali, familjari u biza'; (b) il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; (c) il-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut illi gew mohbija lill-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet.

Illi dawn it-tlett premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (a), (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

### (B) L-LIGI DWAR IL-KAZ.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza';"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cioe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi 'noltre` fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret esposizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982), u **"Silvana Sultana vs Dr Tanya Sciberras Camilleri noe et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002 - Cit Nru 547/00).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi fl-ahharnett l-attrici ssostni illi l-kunsens tal-konvenut kien null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich*:-**

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ghaddiet minn tfulija u trobbija difficli hafna fejn missierha kien ikun spiss xurban, omma kellha problemi ta' sahha mentali, giet abbuzata minn huha, u kienet intbaghatet flimkien ma' hutha fl-Istitut ta' Fra Diegu fejn damet hemm sentejn, barra perjodu ta' erba' (4) xhur fid-dar "Merhba Bik", u fil-fatt harget mill-istituti meta kellha tlettax (13) jew erbatax (14) il-sena, u bdiet tahdem fil-lukandi pero' l-flus kien jehodhom kollha missierha.

Illi kien hawn li hija ltaqghet mal-konvenut, meta dan kellu 18-il sena u hija 15-il sena, minn min inqabdet tqila, u hawn il-konvenut qalilha li kellu kawza l-Qorti u issugerixxa li hija tizzewweg lilu anke sabiex ikollu opportunita' ta' piena ahjar. L-attrici ma rieditx tizzewweg, izda kemm minhabba s-sitwazzjoni fid-dar taghha, kemm minhabba li kienet tqila, u kemm minhabba pressjoni mill-genituri, skond hija ma kellhiex triq ohra hlief li tiehu dan il-pass.

Illi hija zzewget meta kellha sbatax (17) il-sena u kellha gja tlett (3) xhur tqala u marru joqghodu ghand ommu, fejn hija kienet torqod fuq sufan u l-konvenut kien jorqod mal-art. Il-konvenut kien isawwat lill-martu u anke hija ssostni li kellu relazzjoni ma tfajla ingliza, u wara xi episodji ohra ta' vjolenza anke fid-dar, saret separazzjoni bonarja.

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2000 l-**attrici** sostniet li:-

*"Jiena ghadni kif smajt lill-Ispettur jixhed u nixtieq nghid illi jiena kont xehedt il-Qorti ghax kien qabbadni Brincat l-Avukat".*

*"Kien qalli ghax kien hemm kaz ta' habs, qalli tista' tixhidlu, konna ghadna gharrajjes jigifieri. Ghidtlu x'inhu l-kaz ghax jiena naf li kien qalli li kien seraq karozza mid-Drifter u ma kontx naf ezattament x'ghamel. Dana imsomma tellghani nixhed, kellu xi 16-il sena meta tlajt nixhed u ghidt dana … ... u jigifieri meta tlajt nixhed qaluli biex nghid li hu kien tifel bil-ghaqal meta huwa kien dejjem issawwatni lili. Sa ipprova jerriqni fil-banju … … … Qalli:*

*"Ixehed ghax nehel il-habs", qalli: "hazin ikun ghalik … … … … … … ….".*

Illi l-istess attrici semmiet kazijiet ohra ta' serq fejn allegatament kien involut l-konvenut inkluz serq ta' xi mutur u serq mis-Santwarju tal-Madonna.

Illi l-**Ispettur Pierre Micallef Grimaud,** li xehed fil-20 ta' Marzu 2000, kien sostna li l-konvenut kien involut f'xi serq ta' karozza, u kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-istess konvenut.

Illi **Lina Thake,** sostniet fix-xhieda taghha tal-20 ta' Marzu 2000 li hija *"marriage counsellor"* fic-Centru Hidma Socjali u lill-attrici kienet ratha meta kellha 11-il sena u kienet heddedt li tikkommetti suwicidju; kienet tghix f'ambjenti koroh deskritti mill-istess xhud fl-istess xhieda, adirittura gjo kantina; kkonfermat li l-istess attrici kienet iddahlet f'istitut ghaliex l-omm kellha *"breakdown",* u l-attrici kienet saqsiet sabiex ma tmurx id-dar u allura kienet tmur fil-*'weekends'* ghand *"contact family".* Ta' erbatax (14)-il sena kellha problemi ma missierha u kienet tibza' minnu u kienet segwita minn *psychiatric social worker.*

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2000 xehed **Father David Cilia** li sostna li kien oggezzjona bhala Vici-Kapillan fil-parocca tal-Mellieha ghall-istess zwieg, u dan kif jirrizulta minn ittra li huwa kien kiteb lill-Ufficjal, Ufficju taz-Zwigijiet, Il-Kurja datata 5 ta' Awissu 1996 u li tinsab esebita a fol. 39 tal-process bhala Dok. "DC 1". Illi dan sostna li huwa oggezzjona ghaliex l-attrici kienet tqila u ma kienx konvint li dak kien il-mument li jizzewwgu, u deherlu li l-attrici riedet tizzewweg sabiex tahrab mid-dar, u hass li *"ma kienx hemm il-maturita' necessarja biex isir l-istess zwieg".* Kien hemm ukoll problemi ta' vjolenza.

Illi l-**Ispettur Pietru Pawl Zammit** xehed fil-31 ta' Mejju 2000 li kkonferma li kellu kaz ta' serq bhala Ufficjal Prosekutur kontra l-konvenut, u meta gara l-kaz ma kienx mizzewweg ghalkemm il-kaz dam biex jinqata' mill-Qorti. Illi huwa ltaqa' mal-attrici l-Qorti u maghhom kellhom tifel, u ghalhekk jidher li huma kienu mizzewgin.

Illi **l-konvenut** min-naha tieghu b'affidavit datat 2 ta' Frar 2001 semma illi l-attrici kellha ghaggla kbira biex tizzewweg biex tehles mill-genituri taghha u fil-fatt inqabdet tqila ghaliex tant riedet taghmel dan li rragunat li bit-tqala tkun tista' tehles mill-genituri taghha. Skond hu kienet hi li gennitu biex jizzewweg, tant li xtrat curkett u jidher li l-konvenut accetta anke li jghixu fid-dar t'ommu.

Illi fil-fatt huwa qal hekk: "*Jien ridt nizzewweg, imma accettajt li naghmel dan wara zmien daqshekk qasir li hrigna flimkien minhabba fit-tarbija li kellha titwieled*".

Illi l-konvenut isostni wkoll li huwa skopra li l-attrici kienet tghix f'istitut biss wara z-zwieg fejn allega wkoll li l-attrici kienet tigri ma hafna rgiel u kienet anke tiehu l-flus minghand il-genituri taghha. Fiz-zwieg, minhabba dak li sejjah bhala l-ghira taghha ghalih, kien jinqala diversi glied u ghalhekk kellu jitlaq u jmur f'appartament gdid. Sostna li hija u zijuh ma min kienu joqghodu kellhom relazzjoni ma xulxin. Qal ukoll li kienet biss interessata fil-hrug u fid-divertiment, kien isajjar ghalih hu, u ma kienitx tiehu hsieb it-tarbija. Sostna li kienet tixrob u tiehu l-pilloli u qal li sseparaw minhabba li l-attrici riedet tibqa' ma zijuh, u halliet it-tarbija mieghu u ghalhekk saret separazzjoni bonraja.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut dahlu fiz-zwieg ghar-raguni principali li l-attrici harget tqila qabel iz-zwieg u fil-fatt fi kwistjoni ta' ftit xhur huma zzewgu u marru joqghodu mal-genituri tal-konvenut.

Illi minbarra dan jirrizulta wkoll li l-attrici, kif hija stess ammettiet riedet tehles mill-familja taghha, anke peress li kellha tfulija mill-aktar difficli kif jirrizulta mill-brani tax-xhieda taghha li juru kemm kienet imdejqa fid-dar tal-genituri taghha u wkoll fl-istituti li kienet giet impoggija. Jidher li l-attrici kellha trobbija kiefra u mhux dejjem sabel l-ghajnuna biex hija tohrog minnha *nonostante* li diversi esperti fil-materja jidher li raw il-kaz taghha.

Illi fl-ahhar nett l-attrici tallega wkoll li hija giet imgghela tizzewweg anke minhabba li l-konvenut kien ipperswadiha li kien ikun ahjar li taghmel dan sabiex jiehu sentenza aktar ljieva ghall-proceduri kriminali li jidher li kien ghaddej f’dak iz-zmien, izda l-Qorti thoss li ghalkemm hija konvinta moralment li l-konvenut ghamel pressjoni fuqha f’dan is-sens, din il-pressjoni ma kienitx ir-raguni ghaliex l-attrici dahlet f’dan iz-zwieg, izda r-ragunijiet principali kienu l-istess tqala qabel iz-zwieg, u dan japplika ghaz-zewg partijiet, u ghal dak li jirrigwarda l-attrici wkoll is-sitwazzjoni familjari taghha, li kienet mill-aktar iwiera.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan kien zwieg ta’ konvenjenza w in verita ma kienet unjoni xejn hlief li kull parti ippruvat tinqeda bl-ohra ghall-iskopijiet tieghu jew taghha u dan gie kkonfermat mill-attitudini li l-kontendenti ghandhom lejn xulxin fejn it-tnejn li huma jakkuzaw lil xulxin b’abbuzi serji u sfaccati fil-konfront ta’ xulxin.

Illi tant hu minnu dan li x-xhud Fr David Cilia li kien il-Vici-Kappillan fil-parrocca tal-Mellieha ghamilha cara anke b’ittra tal-5 t’Awissu 1996 (xahar u gimgha biss qabel it-tieg) li fl-opinjoni tiehu dan iz-zwieg ma kellux isehh stante li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni neccessarja sabiex jgharfu d-dmirijiet u l-obbligi taghhom fl-istess zwieg.

Illi ghalhekk kif inghad fis-sentenza “**Natasha Satariano vs Wayne Satariano**” (PA (RCP) 28 ta’ Novembru 2002 - Cit Nru 1533/01/RCP):-

*“Illi minn dan kollu jirrizulta li in verita’ dan mhux biss ma kien zwieg xejn izda l-partijiet ma kellhom l-ebda idea x’inhu zwieg, u ma hijiex kwistjoni biss li l-partijiet ma kienux preparati, izda li addirittura l-istess konjugi gew imgeghla jidhlu ghaz-zwieg minhabba eghmilhom u … … … ghaliex hekk kien hemm bzonn sabiex l-istess minuri jitwieled fiz-zwieg.*

Illi fil-fatt mill-provi prodotti apparti s-sitwazzjoni li l-attrici sabet ruhha fiha minhabba l-kaz tal-familja taghha, ma jirrizultax li kien hemm skop iehor ghaliex l-istess partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg, anzi jidher li wara l-istess

avveniment il-partijiet xorta baqghu jghixu sa certu punt hajjithom, u dan fis-sens li kull parti kienet thares lejn l-interessi taghha biss u wkoll l-imgieba lejn xulxin kienet ukoll mimlija tensjoni w anke vjolenza, b'dan li jidher car li l-kontendenti qatt ma kellhom ebda rispett lejn xulxin u fil-fatt huma addirittura sseparaw konsensjalment b'kuntratt f'qasir zmien.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Natasha Xuereb vs Randoph Xuereb"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002) jidher ghalhekk li l-partijiet kellhom il-kunsens taghhom vizzjat peress li kellhom difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u wkoll il-kunsens taghhom inkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg ghaliex in verita' ma kien hemm ebda kunsens liberu tal-partijiet ghall-istess ghaqda legali u *"dan ghaliex iz-zwieg ma huwiex formalita' u lanqas kuntratt kwalunkwe ghall-haga specifika, izda huwa mpenn ta' hajja shiha moghtija minn parti lill-ohra u vice versa, li jigi trasmess lill-frott tal-istess zwieg, jekk Alla jippermetti u jzewwaq tali zwieg bl-istess frott. Dan huwa l-kuncett veru taz-zwieg u l-element essenzjali tal-istess, li minghajru l-ebda zwieg ma jista' jissussisti specjalment fil-hajja moderna tal-llum fejn it-tentazzjonijiet huma kbar, u dan apparti d-diffikultajiet tal-hajja nnifisha, li anke jekk wiehed joqghod attent xorta ser jiltaqa' maghhom".*

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta ghalhekk li r-raguni principali (hlief dak li diga inghad fuq l-attrici) ghaliex l-istess partijiet dahlu ghaz-zwieg kien biss ghaliex l-attrici harget tqila, b'dan li l-istess partijiet ippruvaw jirrangaw dak li huma u huma biss ghamlu bejniethom billi ghamlu zball akbar ghaliex dahlu ghal din l-unjoni, bla ma kellhom il-kunsens necessarju ghall-istess bl-elementi kif indikati fil-gurisprudenza kopjuza fuq indikata; u dan apparti li bl-agir taghhom qabel iz-zwieg huma eskludew l-elementi essenzjali tal-istess zwieg, u jekk mhux kollha, il-gran parti taghhom, *stante* li ma kien hemm ebda legami ta' mhabba lejn xulxin, u lanqas ix-xewqa, u l-intenzjoni li dawn jghixu ghal xulxin u ghal uliedhom. Xejn minn dan, kien hemm biss skop wiehed u cjoe' li l-minuri jitwieled fiz-zwieg u xejn izjed. (**"Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher**

**Mifsud"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002).

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li t-talba attrici ghandha tigi milqugha *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.
Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-aggrivji l-ohra abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) u (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jirrizultawx mill-provi prodotti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut ghal dak li jirrigwarda r-ragunijiet indikati f'din is-sentenza li wasslu ghall-annullament taz-zwieg, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess jikkontrastaw ma dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fil-15 ta' Settembru 1996 huwa null u bla ebda effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Tordna li dan l-annullament jigi annottat fic-certifikat taz-zwieg tal-istess kontendenti.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**

**12 ta' Dicembru 2002**